MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 396/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Bartolo**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Bartolo, bin Carmel u Frances Camilleri, imwieled fis-27 ta’ Jannar 1955, ID138255M, talli fid-9 ta’ April 2006 ghall-habta tas-siegha u hamsa w hamsin minuta ta’ wara nofs in-nhar (13.55 hrs.) f’Hal-Far (1) gieghel, halla jew ippermetta lil inbu Luca ta’ tlettax-il sena isuq vettura nru DBH-906 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta [biex] isuq l-imsemmija vettura, u b’hekk (2) ma kienx kopert b’polza tas-sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi persuni; il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Joseph Bartolo jigi skwalifikat mill-liecenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Novembru 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Bartolo hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, ikkundannatu multa ta' elf u mitt lira (Lm1,100) – illum Ewro 2562.31 – u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mid-data ta' dik l-istess sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Bartolo, minnu pprezentat fil-15 ta' Novembru 2007, li permezz tieghu huwa talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-15 ta' Frar 2008; ikkunsidrat:

Iz-zewg aggravji ta' l-appellant huma, fir-realta`, aggravju wiehed u cioe` li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti. Skond l-appellant kellu jirrizulta li hu kien minghalih li l-post fejn kien qed isuq ibnu kienet "race-track" u ghalhekk mhux triq pubblika ghall-finijiet tal-Kapitoli 65 u 104 tal-ligijiet ta' Malta.

Dana l-appell jirrazenta l-fieragh. Mid-deposizzjoni tal-Ispettur Alexander Miruzzi jirrizulta car li waqt li t-tifel ta' l-appellant kien qed isuq il-vettura, b'missieru fil-vicinanzi, kienu ghaddejjin minn dak il-post diversi vetturi tal-pubbliku in generali b'mod li kien ovvju li dak il-hin dak il-post f'Hal Far ma kienx qed jintuza bhala "race-track" izda kienet triq miftuha ghall-pubbliku skond id-definizzjoni ta' "triq" fl-Artikolu 2 tal-Kap. 104. L-appellant ghalhekk ma setax kien minghalih li dak il-post kien, f'dak il-hin, "race-track". Ghalhekk l-aggravju ta' l-appellant huwa infondat.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-iskwalifika ta' sena tibda minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------